

32001R1543

28.7.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 203/9

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1543/2001

tas-27 ta' Lulju 2001

## li jstabilixxi l-istandard għat-tqegħid fis-suq ta' ħass u indivja b'weraq mibrum u b'weraq wiesa' (Batavian)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2001<sup>(2)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 2(2) ta' dan,

Billi:

- (1) Il-ħass, l-indivja mibruma u ċ-ċikwejra huma fost il-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 li għalihom għandhom ikunu adottati *standards*. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 79/88 tat-13 ta' Jannar 1988 li jstipula l-*standards* ta' kwalità għall-ħass, indivja b'weraq mibrum u indivja b'weraq wiesa' (Batavian)<sup>(3)</sup> kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1455/1999<sup>(4)</sup>, ġie emendat ta' spiss u ma jstax aktar jiżgura ċarezza legali.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 79/88 għandu jitħassar u r-regoli li fih jinkitbu mill-ġdid. Għal dak il-għan u fl-interess li tkun preservata t-trasparenza fis-suq dinji, għandhom ikunu kunsidrati l-*standards* għall-ħass u l-indivja b'weraq mibrum u wiesa' (Batavian) rakkomandati mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istandardizzazzjoni ta' Prodotti tal-Biedja li jitħassru malajr u l-Iżvilupp ta' Kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE).
- (3) L-applikazzjoni ta' dan l-istandard għandha tneħħi mis-suq prodotti ta' kwalità mhux sodisfaċenti, iġġib il-produzzjoni taqbel mal-ħtiġijiet tal-konsumatur u tħaffef il-kummerċ bażat fuq kompetizzjoni ġusta, biex b'hekk tgħin jitjieb il-qligħ.
- (4) L-istandard japplika għall-istadji kollha tat-tqegħid fis-suq. Trasport fuq distanza twila, ħażna għal aktar minn ċertu perjodu u d-diversi proċessi li l-prodotti jgħaddu minnhom jistgħu jgħibu taħsir minħabba l-iżvilupp

bijoloġiku tal-prodotti u li fin-natura tagħhom jitħassru f'it jew wisq malajr. Għalhekk jeħtieġ li tingħata konsiderazzjoni lil dan it-taħsir meta jkun applikat l-istandard fl-istadji tat-tqegħid fis-suq wara li jkunu ntbagħtu.

- (5) Il-miżuri li għalihom jipprovdni dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħaxix Frisk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-istandard għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti li ġejjin għandu jkun kif jidher fl-Anness:

- ħass, klassifikat taħt Kodiċijiet NM 0705 11 u 0705 19,
- indivja b'weraq mibrum u b'weraq wiesa' (Batavian), klassifikata taħt Kodiċi NM 0705 29.

L-istandard għandu japplika għall-istadji kollha tat-tqegħid fis-suq taħt il-kondizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2200/96,

Iżda, fl-istadji ta' wara li jkunu ntbagħtu, il-prodotti jstgħu b'relazżjoni għall-kondizzjonijiet ta' l-istandard juru nuqqas żgħir ta' freskezza u ta' nefħa, kif ukoll taħsir żgħir minħabba l-iżvilupp tagħhom u t-tendenza tagħhom li jitħassru.

## Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 79/88 huwa mħassar.

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 2001.

Għall-Kummissjoni  
Franz FISCHLER  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 129, tal-11.5.2001, p. 3.

<sup>(3)</sup> ĠU L 10, ta' l-14.1.1988, p. 8.

<sup>(4)</sup> ĠU L 167, tat-2.7.1999, p. 22.

## L-ANNESS

**STANDARD GĦALL- HASS, INDIVJA B'WERAQ MIBRUM U INDIVJA B'WERAQ WIESA' (BATAVIAN)**

## I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-istandard japplika għal:

— ħass ta' varjetajiet (*cultivar*) mkabbra minn:

- *Lactuca sativa* L. var. *capitata* L. (ħass (kaboċċjat) inkluż ħass tat-tip "Iceberg").
- *Lactuca sativa* L. var. *longifolia* Lam. (ħass *Cos* jew *Romaine*),
- *Lactuca sativa* L. var. *crispa* L. (ħass għat-tqattigħ) u
- inkro'ji ta' dawn il-varjetajiet,

— indivja b'weraq mibrum tal-varjetajiet (*cultivar*) imkabbra mi[rsquo]-*Cichorium endivia* L. var. *crispum* Lam.,

— indivja b'weraq wiesa' (*Batavian*) (*escaroles*) tal-varjetajiet (*cultivar*) imkabbra miċ-*Cichorium endivia* L. var. *latifolium* Lam., maħsuba biex ikunu forniti friski lill-konsumatur.

Dan l-istandard ma japplikax għall-podotti maħsuba għall-ipproċessar industrijali, prodotti ppreżentati werqa werqa jew ħass fil-qsari.

## II. DISPOSIZZJONIJIET DWAR IL-KWALITA[rsquo]

L-għan ta' l-istandard huwa li jiddefinixxi l-kondizzjonijiet dwar kwalità għall-prodotti wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

## A. Kondizzjonijiet minimi

Fil-kategoriji kollha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull kategorija u t-tolleranza permessa, il-prodott irid ikun:

- sħiħ,
- mhux imħassar; huma esklużi prodotti milquta minn taħsir jew deterjorament li jirrendihom mhux tajbin biex jittieklu,
- imnaddaf, jiġifieri tista' tgħid ħieles mill-ħamrija jew kull mezz ieħor ta' tkabbir u ħieles minn kull materja barranija oħra li tidher,
- ta' dehra friska
- minfuħ,
- tista' tgħid ħieles minn insetti ta' ħsara,
- tista' tgħid ħieles minn ħsara kaġunata minn insetti ta' ħsara,
- ma rabbiex iż-żerriegħa,
- ħieles minn umdità mhux normali minn barra,
- ħieles minn kull riħa u/jew toġħma barranija.

Fil-każ tal-ħass, jitħalla telf ta' kulur fl-aħmar, kaġunat minn temperatura baxxa matul it-tkabbir, sakemm ma jolqotx b'mod serju d-dehra tal-prodott.

L-għeruq iridu jinqatgħu qrib il-bażi tal-weraq ta' barra u l-qatgħa għandha tkun pulita.

Il-prodott irid ikun ta' żvilupp normali.

L-iżvilupp u l-kondizzjoni tal-prodotti għandhom ikunu hekk li jippermettu:

- li jkunu jifilħu għat-trasport u t-trattament konness miegħu, u
- li jasal f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post ta' destinazzjoni.

## B. Klassifika

Il-prodotti huma kklassifikati fiż-żewġ kategoriji definiti hawn taħt:

## (i) Kategorija I

Il-prodotti f'din il-kategorija jridu jkunu ta' kwalità tajba. Huma għandhom ikollhom il-karatteristika tal-varjetà jew tat-tip kummerċjali, speċjalment il-kulur.

Il-prodotti jridu jkunu wkoll:

- iffurmati sew,
- sodi, waqt li jkunu kkunsidrati l-metodi ta' tkabbir u t-tip ta' prodott,
- ħielsa minn ħsara jew deterjorazzjoni li ma jħalluhomx tajbin biex jittieklu,
- ħielsa minn ħsara mill-ġlata.

Il-ħass kaboċċjat irid ikollu qalba waħda fformata sewwa. Iżda, fil-każ ta' ħass kaboċċjat li jitkabbar taħt protezzjoni, il-qalba tista' tkun żgħira.

Il-ħass Cos irid ikollu qalba, li tista' tkun żgħira.

Il-qalba ta' l-indivja b'weraq mibrum u ta' l-indivja b'weraq wiesa' (*Batavian*) għandha tkun ta' kulur isfar.

(ii) *Kategorija II*

Din il-kategorija tinkludi prodotti li ma jikkwalifikax għad-dħul f'Kategorija I, iżda jissodisfaw il-kondizzjonijiet minimi speċifikati hawn fuq.

Il-prodotti jridu:

- jkunu raġonevolment iffurmati sew,
- ħielsa minn ħsara u deterjorazzjoni li b'mod serju ma jħalluhomx ikunu tajbin biex jittieklu.

Id-difetti li għejjin jistgħu jitħallew sakemm il-prodotti jżommu l-karatteristiċi essenzjali tagħhom fejn jidħlu l-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni:

- difetti żgħar ħafna fil-kulur,
- ħsara żgħira ħafna kkaġunata mill-insetti ta' ħsara.

Il-ħass ikkaboċċjat irid ikollu qalba, li tista' tkun żgħira. Iżda, fil-każ ta' ħass kaboċċjat li jitkabbar taħt protezzjoni, in-nuqqas ta' qalba jista' jkun permess.

Il-ħass Cos jista' ma jippreżentax qalba.

### III. DISPOSIZZJONIJET DWAR L-GĦAŻLA SKOND ID-DAQS

Id-daqs ikun determinat mill-piż ta' unità waħda.

#### A. Piż minimu

Il-piż minimu għall-Klassijiet I u II huwa:

	Imkabbra fil-beraħ	Imkabbra taħt protezzjoni
Ħass ikkaboċċjat (mbarra ħass tat- tip "Iceberg") u ħass Cos jew <i>Romaine</i> (mbarra ħass b'weraq oħxon)	150 g	100 g
Ħass tat-tip "Iceberg"	300 g	200 g
Ħass għat-tqattigħ u ħass b'weraq oħxon	100 g	100 g
Indivja b'weraq mibrum u indivja b'weraq wiesa' ( <i>Batavian</i> )	200 g	150 g

#### B. Uniformità

(a) Ħass

Fil-kategoriji kollha, id-differenza bejn l-eħfef u l-itqal unità f' kull pakkett ma tridx taqbeż:

- 40 g meta l-eħfef unità tiżen anqas minn 150 g kull unità,
- 100 g meta l-eħfef unità tiżen bejn 150 g u 300 g kull unità,
- 150 g meta l-eħfef unità tiżen bejn 300 g u 450 g kull unità,
- 300 g meta l-eħfef unità tiżen aktar minn 450 g kull unità,

(b) Indivja b'weraq mibrum u b'weraq wiesa' (*Batavian*)

Fil-kategoriji kollha, id-differenza bejn l-eħfef u l-itqal unità f' kull pakkett ma tridx taqbeż it-300 g.

### IV. DISPOSIZZJONIJET DWAR IT-TOLLERANZI

Tolleranzi dwar kwalità u daqs għandhom ikunu mħollija f'kull pakkett għall-prodotti li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet tal-kategorija indikata.

#### A. Tolleranzi ta' kwalità

(i) *Kategorija I*

10 % fin-numru ta' unitajiet li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet tal-kategorija iżda li jilħqu daww tal-Kategorija II jew, eċċezjonalment, li jidħlu fit-tolleranzi ta' dik il-kategorija.

(ii) *Kategorija II*

10 % fin-numru ta' unitajiet li ma jissodisfawx la l-kondizzjonijiet tal-kategorija u lanqas il-kondizzjonijiet minimi, bl-eċċezzjoni ta' prodotti mimsusa minn taħsir jew deterjorazzjoni oħra li ma jħalluhomx ikunu tajbin biex jittieklu.

**B. Tolleranzi ta' daqs**

Fil-kategoriji kollha, 10 % fin-numru ta' unitajiet li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet dwar id-daqs, iżda li ma jkunux jiżnu aktar jew anqas minn 10 % tal-piż ikkonċernat.

**V. DISPOSIZZJONIJET DWAR IL-PREŻENTAZZJONI****A. Unformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun fih biss prodotti ta' l-istess orġini, varjetà jew tip kummerċjali, kwalità u daqs.

Iżda, tista' tkun ippakkjata flimkien taħlita tat-tipi differenti deskritti f'dan l-*istandard*, sakemm dawn il-prodotti jkun uniformi fil-kwalità u, għal kull tip konċernat, fid-daqs. Barra minn hekk, it-tipi għandhom ikunu jintgħarfu wieħed mill-ieħor b'mod ċar u l-proporzjon ta' kull tip fil-pakkett għandu jkun jidher mingħajr ma ssir ħsara lill-pakkett.

Il-parti li tidher tal-kontenut tal-pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

**B. Ippakkjar**

Il-prodotti jridu jkunu pakkjati b'mod li jkunu mħarsa kif inhu xieraq.

Il-materjal użat għewwa l-pakkett irid ikun ġdid, nadif u ta' kwalità li ma jħallix li ssir ebda ħsara minn barra jew minn għewwa lill-prodotti. L-użu ta' materjal, partikularment ta' karta jew timbri li juru l-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali huwa permess sakemm l-istampar jew l-ittikkettjar ikun sar b'linka jew kolla mhux tossiċi.

Il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kull materja barranija.

**Ċ. Preżentazzjoni**

Il-prodotti ppreżentati faktar minn saff wieħed jistgħu jkunu pakkjati bil-qiegħ ta' wieħed fuq il-qalba ta' l-ieħor sakemm is-saffi jew l-irjus ikunu protetti jew separati kif ikun xieraq.

**VI. DISPOSIZZJONIJET DWAR L-IMMARKAR**

Kull pakkett għandu juri d-dettalji li ġejjin fittri miġbura fuq l-istess naħa, immarkati b'mod li jstgħu jinqraw, li ma jitħassrux u li jidhru minn barra.

**A. Identifikazzjoni**

Min ippakkja u/jew bagħat: isem u indirizz jew marka ta' kodiċi maħruġa w aċċettata uffijalment. Iżda, meta tintuża marka ta' kodiċi, il-kliem ta' referenza 'Min ippakkja u/jew bagħat' (jew taqsiriet ekwivalenti) għandhom ikunu indikati qrib il-marka ta' kodiċi.

**B. Natura tal-Prodotti**

— "Ħass b'weraq oħxon", Ħass "*Butterhead*", "*Batavia*", "*Ħass Iceberg*", "*Ħass Cos*", "*Ħass għat-tqattigħ*" (jew, per eżempju u jekk xieraq, "*Werqa tal-ballut*", "*Lollo bionda*", "*Lollo rossa*", "*Indivja b'weraq mibrum*" jew "*indivja b' weraq wiesa' (Batavian)*") jew kliem ieħor li jfisser l-istess jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra

— "Ħass b'weraq oħxon" meta jkun xieraq jew kliem ieħor li jfisser l-istess

— L-indikazzjoni "imkabbra taħt protezzjoni", jew xi indikazzjoni oħra xierqa, meta jkun il-każ

— L-isem tal-varjetà (mhux tabilfors)

— Meta tipi differenti ta'prodotti jkunu mħallta flimkien:

— l-indikazzjoni "insalata mħallta", jew,

— l-indikazzjoni ta' kull tip ta' prodott, u, meta l-kontenut ma jkunx jidher minn barra, l-indikazzjoni tan-numru ta' biċċiet minn kull tip.

**Ċ. Oriġini tal-prodotti**

— Il-pajjiż ta' l-orġini u, mhux tabilfors, id-distrett fejn ikunu tkabbru, jew l-isem nazzjonali, regionalni jew lokali.

**D. Speċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Il-kategorija

— Id-daqs, espress mill-piż minimu għal kull unità jew in-numru ta' unitajiet

— Piż nett (mhux tabilfors),

**E. Marka ta' kontroll uffijjali (mhux ta' bilfors)**